A.L. 319 tal-2009

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 22 tal-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 149 tal-2009.

(2) Ir-regolament 15 għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "il-Bord" għandha titħassar u minflok il-kelma "Bord" kull fejn din tinsab fir-regolamenti prinċipali għandha tidħol il-kelma "Tribunal":

Kap. 499.

Iżda din id-disposizzjoni għandha tidħol fis-seħħ meta jidħol fis-seħħ l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

(b) minnufih wara t-tifsira "talba għall-kiri" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "tracking device" tfisser apparat li josserva u jittrasmetti, f'ħin reali jew mod ieħor, il-pożizzjoni ġeografika u l-funzjoni u l-operazzjoni, inkluża l-veloċità, ta' vettura għall-ġarr ta' passiġġieri u n-numru ta' reġistrazzjoni ta' dik il-vettura;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira ġdida "tracking device" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja :

Kap. 490.

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, stabbilit skont l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva:

Iżda din it-tifsira għandha tidħol fis-seħħ meta jidħol fis-seħħ l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; u

(d) minflok it-tifsira "vann bit-*tail-lift*" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vann bit-tail lift" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li, qabel l-ewwel reġistrazzjoni għall-użu fit-triq, kellha mwaħħal b'mod permanenti tagħmir mekkaniku maħsub biex jgħin fl-irfigħ ta' passiġġieri fuq siġġu tar-roti;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" għandha tidħol il-kelma "l-Att".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi amendat kif ġej :

(a) minflok is-subregolament (4) għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta l-Awtorità tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull avviż ta' rifjut għandu jgħid li l-applikant għandu dritt li, fi żmien għaxart ijiem, iressaq rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawk ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż

bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha." ; u

(b) minflok is-subregolament (5) għandu jidħol dan is-subregolament li ġej:

"(5) Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt jappella quddiem il-Bord minn dik id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta din id-deċiżjoni tiġi notifikata lilu.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "ħames mitt Euro (€500.00)" għandhom jidħlu l-kliem "erbat elef Euro (€4,000);"

(b) minflok il-paragrafu (ċ), għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) tkun ingħatat sentenza, fl-aħħar ħames snin, ta' priġunerija, għal kemm żmien ikun, jew għal multa jew multi li jammontaw mill-anqas għal elf Euro (€1,000), għal reati taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u, jew regolamenti magħmulin taħtha jew l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu; jew";

(ċ) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (d) minflok il-kliem "professjonali; jew" għandhom jidħlu l-kliem "professjonali:" u minnufih wara għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda persuna għandha titqies biss li tkun ingħatat sentenza dwar reat serju jew imtenni, jekk:

(a) kienet ingħatat sentenza fl-aħħar ħames snin li ġġor magħha piena jew pieni ta' multa li tammonta għallanqas għall-erbat'elef Euro (€4,000); jew

(b) kienet ingħatat sentenza fl-aħħar ħames snin għax tkun ikkommettiet ksur tal-istess disposizzjoni tal-liġi mill-anqas f'ħames okkażjonijiet differenti; jew" ; u

(d) minflok il-proviso mal-paragrafu (e), għandu jidħol

dan li ġej:

"Iżda meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta nstab ħati kif imsemmi fil-paragrafi (b) u (ċ), il-perijodi msemmija għandhom ikunu ta' sentejn u sena rispettivament:

Iżda wkoll, "instab ħati" u "ingħata sentenza" jinkludu sentenza mogħtija mill-qorti skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, anki jekk tali sentenza ma kellhiex effett, iżda ma jinkludux ordni ta' *probation* mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation* jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-*Probation* tal-Ħatjin, u li tkun ġiet obduta mill-*probationer* jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-*Probation* jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-*Probation* tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata.".

Kap. 9.

Kap. 446.

Kap. 152.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Dik is-sospensjoni jew revoka għandha ssir mill-Awtorità minn jeddha jew b'ordni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:

Iżda meta l-Awtorità tkun minn jeddha bi ħsiebha tissospendi jew tirrevoka liċenza tal-operatur, hija għandha, permezz ta' avviż bil-kitba, tgħarraf, lill-operatur konċernat bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tgħid li l-operatur konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat dwar id-deċiżjoni finali tagħha. L-operatur konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza tal-operatur fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Awtorità:

Iżda wkoll li minkejja li jkun hemm appell mid-deċiżjoni, is-sospensjoni tal-liċenza għandu jkollha effett

immedjat, sakemm il-Bord jew il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma jordnawx xort'oħra :

Iżda wkoll deċiżjoni tal-Awtorità li tirrevoka liċenza tal-operatur ma' tidħolx fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perjodu li fih jista' jsir l-appell taħt dan ir-regolament u, jekk isir appell f'dan il-perjodu, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni tal-Bord li tkun tiċħad l-appell jew id-data meta l-appell ikun ġie deżert."

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) fil-paragrafu (b) minflok il-kliem "ħames mitt Euro (€500.00)" għandhom jidħlu l-kliem "erbat elef Euro (€4,000)" ;

(b) minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) tkun ingħatat sentenza, fl-aħħar ħames snin, ta' priġunerija, għal kemm żmien ikun, jew għal multa jew multi li jammontaw mill-anqas għal elf Euro (€1,000), għal xi reat skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew kull regolament magħmul taħtha jew l-Att jew kull regolament magħmul taħtu, jew" ; u

(ċ) minflok il-proviso għall-paragrafu (d) għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta nstab ħati kif imsemmi fil-paragrafi (b) u (ċ) il-perijodi msemmija għandhom ikunu ta' sentejn u sena rispettivament :

Iżda wkoll, "instab ħati" u "ingħata sentenza" jinkludu sentenza mogħtija mill-qorti skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, anki jekk dik is-sentenza ma kellhiex effett, iżda ma jinkludux ordni ta' *probation* mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation* jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-*Probation* tal-Ħatjin, u li tkun ġiet obduta mill-*probationer* jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-*Probation* jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-*Probation* tal-Ħatjin, li tkun ġiet osservata." .

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) minflok is-subregolament (3) għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Meta l-Awtorità tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull avviż ta' rifjut għandu jgħid li l-applikant għandu dritt li, fi żmien għaxart ijiem, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha."; u

(b) minflok is-subregolament (4) għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt jappella quddiem il-Bord minn dik id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta dik id-deċiżjoni tiġi notifikata lilu.".

Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

9. Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Dik is-sospensjoni jew revoka għandha ssir mill-Awtorità minn jeddha jew b'ordni tal-qorti ta' ġuridizzjoni kriminali:

Iżda meta l-Awtorità tkun minn jeddha bi ħsiebha tissospendi jew tirrevoka liċenza tax-xufier, hija għandha, permezz ta' avviż bil-kitba, tgħarraf lix-xufier konċernat bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tgħid li x-xufier konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-

applikant konċernat dwar id-deċiżjoni finali tagħha. Ix-xufier konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza tax-xufier fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Awtorità :

Iżda wkoll li minkejja li jkun hemm appell mid-deċiżjoni, is-sospensjoni tal-liċenza għandu jkollha effett immedjat, sakemm il-Bord jew il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma jordnawx xort'oħra:

Iżda wkoll deċiżjoni tal-Awtorità li tirrevoka liċenza tax-xufier ma' tidħolx fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perijodu li fih jista' jsir l-appell taħt dan ir-regolament u, jekk isir appell f'dan il-perijodu, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni tal-Bord li tkun tiċħad l-appell jew fid-data meta l-appell ikun ġie deżert."

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) minflok is-subregolament (3) għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri reġistrata fir-Reġistru għall-Ġarr tal-Passiġġieri għandha tintuża biss fl-operazzjonijiet ta' ġarr stradali mill-operatur li taħt il-liċenza tiegħu tkun reġistrata sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-Awtorità; iżda l-użu ta' dik il-vettura bil-għan li tittieħed azzjoni urġenti meħtieġa sabiex tipprevjeni jew tnaqqas id-danni jew ħsara kaġunati b'sitwazzjoni ta' emerġenza li tkun ta' riskju immedjat għas-saħħa jew ħajja ta' persuna jew persuni m'għandux jitqies bħala ksur ta' din id-disposizzjoni." ;

(b) is-subregolamenti (4), (5) u (6) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subregolamenti (5), (6) u (7);

(ċ) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandu jidħol is-subregolament (4) ġdid:

"(4) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha tinstaq biss minn xufier li jkun impjegat minn, jew li jkollu kuntratt ta' xogħol ma', l-operatur li taħt il-liċenza tiegħu tkun reġistrata, jew mill-operatur innifsu meta huwa jkun

xufier ukoll kemm-il darba ma jiġix awtorizzat xort'oħra mill-Awtorità." ;

(d) minflok is-subregolament (6) kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Meta l-Awtorità tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull avviż ta' rifjut għandu jgħid li l-applikant għandu dritt, fi żmien għaxart ijiem, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha." ; u

(e) minflok is-subregolament (7) kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt jappella quddiem il-Bord minn dik id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn notifika ta' dik id-deċiżjoni.".

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

11. Is-subregolament (1) tar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) minflok il-paragrafu b) għandu jidħol dan li ġej:

"b) tkun konformi mad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settemberu 2007 li tistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawk il-vetturi;";

(b) minflok il-paragrafu ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"ċ) tkun konformi mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti dwar Approvazzjoni tat-Tip KE ta' Vetturi bil-Mutur u l-Karrelli Tagħhom;"

(ċ) fil-paragrafu g), minflok il-kliem "route buses." għandhom jidħlu l-kliem "route buses:" u l-proviso li ġej għandu jiġi miżjud minnufih fl-aħħar tas-subregolament:

"Iżda l-paragrafi b) u ċ) ta' dan is-subregolament ma japplikawx għal dawk il-vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri:

(i) li ġew importati f'Malta jew ordnati għall-importazzjoni f'Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009, u

(ii) li jiġu reġistrati għall-użu fit-triq f'Malta qabel il-15 ta' Novembru, 2010,

kemm-il darba biss jekk l-Awtorità tiġi avżata dwar l-importazzjoni ta' dawk il-vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri f'Malta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2009 u tintbagħat prova ta' konformità mal-paragrafu (i) hawn qabel lill-Awtorità flimkien mal-avviż imsemmi.". A.L. 148 tal-2009.

12. Fis-subregolament (2) tar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "minn meta ġiet manifatturata" għandhom jidħlu l-kliem "mis-sena li ġiet manifatturata". Jemenda r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.

13. Minflok is-subregolament (2) tar-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"(2) Jekk vettura għall-ġarr tal-passiġġieri nkluża fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri tinstab mill-Awtorita' li ma tkunx fi stat tajjeb u sigur għall-ġarr tal-passiġġieri, il-liċenza tagħha ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tiġi sospiża mill-Awtorità sakemm dak l-istat ma jkunx tranġa għas-sodisfazzjon tal- Awtorità." Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

14. Minflok is-subregolament (4) tar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

"(4) Dik it-tneħħija mir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri u l-irtirar tal-liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandhom isiru mill-Awtorità minn jeddha jew b'ordni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:

Iżda meta l-Awtorità tkun minn jeddha bi ħsiebha tissospendi jew tirrevoka liċenza tal-operatur, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur konċernat

bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tgħid li l-operatur konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha. L-operatur konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza tal-vettur tal-ġarr ta' passiġġieri fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Awtorità:

Iżda wkoll deċiżjoni tal-Awtorità li tirrevoka liċenza tax-xufier ma' tidħolx fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perijodu li fih jista' jsir l-appell taħt dan ir-regolament u, jekk isir appell f'dan il-perijodu, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni tal-Bord li tkun tiċħad l-appell jew id-data meta l-appell ikun ġie deżert.".

Jissostitwixxi r-regolament 62 tar-regolamenti prinċipali.

15. Minflok ir-regolament 62 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"62. L-operatur għandu jiżgura li kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri fl-operat tiegħu skont il-liċenza tal-operatur għandha, f'kull ħin meta ma tkunx qed tintuża:

(i) tinżamm fil-garaxx; jew

(ii) ma tkunx ipparkjata fit-triq; jew

(iii) tkun ipparkjata f'post adatt li ma jkunx f'distanza ta' ħames metri minn tarf ta' xi binja, sew jekk abitata sew jekk le, jew kull struttura oħra li għandha xi valur storiku jew kulturali.".

Jemenda r-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali

16. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri awtorizzati biex jagħtu servizz fuq rotta għat-turisti skont dan ir-regolament għandhom jiġu mgħammra bi *tracking device* skont l-ispeċifikazzjonijiet pubblikati mill-Awtorità minn żmien

għal żmien. It-*tracking device* għandu, ladarba jiġi mwaħħal mal-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri, jiġi spezzjonat mill-Awtorità jew korp approvat mill-Awtorità, biex tiżgura li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet pubblikati minnha. Meta din il-konformità tiġi stabbilita, għandu jitwaħħal ma' dan it-*tracking device*, siġill uffiċjali mill-Awtorità jew korp approvat mill-Awtorità, u l-operatur għandu jiżgura li dak is-siġill ma jkun f'ebda waqt imbagħbas jew miksur mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità.

(5) L-operatur għandu jiżgura li t-*tracking device* installat f'kull vettura tal-ġarr ta' passiġġieri operata minnu skont dan ir-regolament jinżamm f'kundizzjoni tajba li jaħdem f'kull ħin, li ma jkunx mbagħbas u li kull difett u ħsara jiġu rappurtati minnufih lill-Awtorità. Meta t-*tracking device* installat ikun b'xi mod difettuż jew ikun ġiei mbagħbas, l-operatur għandu minnufih ineħħi l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri milli tagħti servizz fuq rotta għat-turisti sakemm dak it-*tracking device* jew jissewwa jew jinbidel.

(6) Ix-xufier għandu jżomm it-*tracking device* mixgħul f'kull ħin waqt li jkun qed jingħata s-servizz, u għandu jiżgura li dan jirrekordja u jittrasmetti, f'ħin reali, dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' tordna. Din l-informazzjoni għandha tiġi miżmuma mill-operatur għal perijodu ta' tliet xhur minn meta tkun ġiet irrekordjata. L-operatur għandu, meta jiġi hekk mitlub jagħmel mill-Awtorità, għandu jgħaddi lill-Awtorità l-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* f'dik l-għamla raġonevoli li l-Awtorità tista' titlob.

(7) L-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* għandha tkun aċċettata bħala prova u għandha tikkostitwixxi prova tal-kontenut tagħha stess dwar iċ-ċirkostanzi ta' data, ħin u post fejn l-informazzjoni tkun rekordjata fi proċeduri dwar ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(8) L-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* tista' tintuża mill-Awtorità bħala prova u għandha tikkostitwixxi prova tal-kontenut tagħha dwar iċ-ċirkostanzi ta' data, ħin u post fejn l-informazzjoni tkun rekordjata bil-għan li jiġu imposti penali amministrattivi.".

Tissostitwixxi r-regolament 80 tar-regolamenti prinċipali.

17. Minflok ir-regolament 80 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"80. F'każ ta' ksur serju ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorizzazzjoni, maħruġa minn Stat Membru ieħor jew f'xi pajjiż ieħor tista' tiġi temporanjament jew parzjalment sospiża. Dik is-sospensjoni jew revoka għandha ssir mill-Awtorità minn jeddha jew b'ordni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li għandha tagħti dik l-ordni wara li tqis il-gravità tal-ksur; iżda meta l-Awtorità tkun minn jeddha bi ħsiebha tissospendi l-awtorizzazzjoni, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur konċernat bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tgħid li l-operatur konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawk ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur bid-deċiżjoni finali tagħha. L-operatur konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Awtorità.".

Jemenda r-regolament 87 tar-regolamenti prinċipali.

18. Minflok is-subregolament (5) tar-regolament 87 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Meta l-Awtorità tirrifjuta li tagħti jew iġġedded l-awtorizzazzjoni għas-servizzi regolari li jibdew minn Malta, l-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub fi żmien sebat ijiem, tgħarraf lill-applikant jew lid-detentur, skont il-każ, bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tkun tgħid li l-operatur konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawk ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur bid-deċiżjoni finali tagħha. L-operatur konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Awtorità.".

Jemenda r-regolament 107 tar-regolamenti prinċipali.

19. Ir-regolament 107 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) il-paragrafu (vii) tas-subregolament (1) għandu jitħassar;

(b) fis-subregolament (4), minflok il-kliem "l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att".

(ċ) minflok is-subregolament (5) għandu jidħol dan li ġej:

"(5) F'każ li trasportatur jikser xi disposizzjoni tar-regolamenti 72 sa 78, l-Awtorità għandu wkoll ikollha s-setgħa li toħroġ twissijiet lil dak it-trasporatur. F'każ ta' ksur serju jew ripetut, l-Awtorità tista', minn jeddha jew b'ordni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali timponi wkoll fuq dak it-trasportatur projbizzjoni temporanja milli jwettaq operazzjonijiet tat-trasport f'Malta. Kull penali tista' wkoll tiġi estiża għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni biex wieħed jipprattika l-professjoni ta' operatur tal-ġarr stradali ta' passiġġieri:

Iżda meta l-Awtorità tkun minn jeddha imponiet il-projbizzjoni temporanja msemmija qabel, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur involut bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull notifika għandha tgħid li l-operatur konċernat jista', fi żmien għaxart ijiem min-notifika, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex tali projbizzjoni m'għandhiex tiġi imposta u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawk ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-operatur dwar id-deċiżjoni finali tagħha. L-operatur konċernat għandu d-dritt jappella quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità li timponi dik il-projbizzjoni fi żmien tletin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità:

Iżda wkoll deċiżjoni tal-Awtorità li timponi tali projbizzjoni temporanja milli jwettaq operazzjonijiet tat-trasport ma' tidħolx fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perijodu li fih jista' jsir l-appell taħt dan ir-regolament u, jekk isir appell f'dan il-perijodu, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni tal-Bord li tkun tiċħad l-appell jew id-data meta l-appell ikun ġie deżert.".

Jemenda r-regolament 108 tar-regolamenti prinċipali.

20. Minnufiħ wara s-subregolament (9) tar-regolament 108 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid

li ġej:

"(10) Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun se tiġi mposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jkun jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien għaxart ijiem billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi mposta u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull rappreżentazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub.".

Jemenda r-regolament 110 tar-regolamenti prinċipali.

21. Ir-regolament 110 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) fis-subregolament (1) il-kliem "skond is-Sub-Artikolu 31(1) ta' l-Att" għandhom jiġu mħassra; u

(b) fis-subregolament (2) il-kliem "fuq punt ta' liġi" għandhom jitħassru.

Jemenda r-regolament 114 tar-regolamenti prinċipali.

22. Fir-regolament 114 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att".

Jemenda r-regolament 115 tar-regolamenti prinċipali.

23. Ir-regolament 115 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) u minnufih wara għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

A.L. 128 of 1994

"(2) Persuni li fid-19 ta' Mejju 2009 kellhom liċenza ta' garaxx għal servizz pubbliku maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, jew inkella li kellhom, f'dik il-ġurnata, liċenza biex joperaw vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri mill-Awtorità, huma eżentati mill-ħtiġiet tar-rekwiżiti tal-paragrafu (d) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti meta jikkonvertu l-liċenza ta' garaxx għal servizz pubbliku li jkollhom f'liċenza ta' operatur taħt dawn ir-regolamenti, jew meta japplikaw għal-licenza ta' operatur għall-ewwel darba taħt dawn ir-regolamenti; sakemm dik il-liċenza tkun għadha valida u ma tkunx ġiet irtirata, revokata jew sospiża mill-Awtorità sad-data tal-konverżjoni tagħha f'liċenza ta' operatur jew sad-data meta tinħareġ il-licenza ta' operatur.".

24. Id-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda d-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti principali.

(a) f'kolonna 1 ta' ringiela 15 tat-tabella, minnufih wara l-kliem "37(1)" għandhom jiżdiedu l-kliem ", 37(2)" ;

(b) f'kolonna 1 ta' ringiela 45 tat-tabella, minnufih wara l-kliem "69(1) a), b), c), e)" għandhom jiżdiedu l-kliem ", 69(4), (5)" ; u

(ċ) f'kolonna 1 ta' ringiela 47 tat-tabella, minnufih wara l-kliem "69(2)(3)", għandhom jiżdiedu l-kliem ", 69(6)".